MALTA

# QORTI CIVILI
# (SEZZJONI TAL-FAMILJA)

**ONOR. IMHALLEF**
**NOEL CUSCHIERI**

Seduta tat-28 ta' Jannar, 2010

Citazzjoni Numru. 20/2005

Kawza fil-lista: 33

**A B, f' isimha proprju**
**u bhala kuratrici 'ad litem' ta' binha minuri C D**
**vs**
**E D**

**Il-Qorti,**

Rat l-att tac-citazzjoni li permezz tieghu l-attrici ppremettiet u talbet hekk:

Peress illi l-attrici kellha relazzjoni mal-konvenut E D, minn liema relazzjoni hija kellha tarbija, senjatament C D, illi llum ghandu erba' (4) snin u dan skond ma jirrizulta mic-certifikat tat-twelid relattiv illi qed jigi anness, esebit u mmarkat bhala Dok. A.

Peress illi r-relazzjoni bejn il-partijiet tkissret cirka tlett (3) snin ilu, meta l-minuri C kien ghad kellu biss sena u erba’ xhur cirka.

Peress illi ghalkemm il-konvenut irrikonoxxa lill-minuri C bhala ibnu, skond ma jirrizulta mic-certifikat tat-twelid fuq imsemmi, l-istess konvenut naqas bl-aktar mod assolut milli jaqdi l-obbligi tieghu ta’ missier, b’ dan illi matul dawn l-ahhar tliet snin il-konvenut ma ghamel l-ebda tip ta’ kuntatt ma’ ibnu minuri.

Peress illi in oltre l-konvenut qatt ma hallas manteniment ghall-minuri C u dan nonostante l-fatt illi huwa ghandu impjieg bi qliegh.

Peress illi l-konvenut dejjem ittraskura l-izvilupp u l-edukazzjoni ta’ ibnu minuri C u dejjem naqas illi jmantnih, jiehu hsiebu, jghallmu u jedukah kif jixraq.

Peress illi l-attrici giet awtorizzata tipprocedi b’ din l-istanza permezz ta’ digriet moghti minn dina l-Onorabbli Qorti, diversament preseduta, fis-26 ta’ Novembru 2004, illi kopja tieghu qed tigi annessa, esebita u mmarkata bhala Dok. B.

Jghid ghalhekk il-konvenut ghaliex m’ ghandiex din il-Qorti:

1. Tafda l-kura u l-kustodja tal-minuri Leon D unikament u esklussivament f’ idejn l-esponenti;

2. Tawtorizza lill-esponenti tiehu kwalunkwe decizjoni rigward binha minuri C D, inkluz dawk ta’ sahha u edukazzjoni;

3. Tordna li l-konvenut jigi mnehhi mill-jeddijiet kollha ta’ setgha ta’ genituri, ai termini ta’ l-Artikolu 154 (1)(e) tal-Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta’ Malta, u dan fl-interess suprem tal-minuri C D u dan ukoll taht dawk il-provvedimenti kollha li l-istess Onorabbli Qorti jidrilha xierqa u opportuni.

Bl-ispejjez, kontra l-konvenut li jibqa’ minn issa ngunt ghas-subizzjoni.

Rat in-nota ta’ l-eccezzjonijiet li biha l-konvenut eccepixxa:

a. Illi t-talbiet attrici ghandhom jigu respinti stante l-motivazzjoni tal-attrici huma ispirati ghar-ragunijiet egoistici w personali u mhux ghall-ahjar interess ta’ l-istess minuri bl-ispejjez kontra l-istess attrici.

b. Illi minghajr pregudizzju ghas-suespost, hu minnu li minhabba relazzjoni li kien hemm ezistenti bejn il-partijiet, twieled tifel bl-isem ‘C’ liema tifel, l-esponent rikonoxxa bhala ibnu, kif wara kollox hu obbligat li jaghmel.

c. Illi di piu’, u fil-meritu, r-relazzjonijiet bejn il-partijiet qatt ma kienu tajbin bil-konsegwenza li minhabba l-agir tal-attrici, mghejjuna minn ommha stess, s-sitwazzjoni marret ghall-aghar fejn il-minuri qed ibati minhabba l-agir taghhom liema haga se tigi ippruvata fil-mori tal-kaz.

d. Illi dawn il-proceduri gew istitwiti mhux minhabba ragunijiet ta’ imhabba, imma purament biex l-attrici kemm jista’ jkun izzomm it-tifel il-boghod minn missieru kif ukoll biex tinqeda bil-minuri biex toqghod tinki l-esponent, liema haga ilha ghaddejja minn meta twieled C.

Rat ir-rapport ta’ l-Avukat tat-Tfal, L-Avukatessa Dottor Tatienne Cassar;[1]

Rat ir-rapport tal-perit legali, l-Avukatessa Dottor Charmaine Galea;[2]

Rat l-atti kollha tal-kawza, inkluzi d-dikjarazzjonijet guramentati, il-listi tax-xhieda u l-affidavits prezentati;

Semghet ix-xhieda bil-gurament;

---

[1] Fol.57 *et seq.*
[2] Fols.75 *et seq.*

Ikkunsidrat;

**L-Azzjoni**
Illi permezz ta' l-azzjoni odjerna l-attrici qed titlob li din il-Qorti tafda f' idejha, il-kura u kustodja esklussiva tat-tifel minuri C li twieled fl-10 ta' Mejju 2000 u li jinsab registrat bil-kunjom ta' missieru l-konvenut; inoltre qet titlob li l-istess konvenut jigi mnehhi mill-jeddijiet kollha ta' setgha ta' genitur fit-termini ta' l-artikolu 154[1][e] tal-Kap.16 tal-Ligijiet ta' Malta.

Minn naha tieghu, il-konvenut, fin-nota tieghu, oppona ghal dawn it-talbiet u sostna li l-proceduri odjerna gew istitwiti mill-attrici "purament biex l-attrici kemm jista' jkun izzomm it-tifel 'il boghod minn missieru" kif ukoll sabiex tinki lill-konvenut.

**Il-Fatti**
Illi jirrizulta sodisfacentement provat li, minn relazzjoni ta' sentejn u nofs li l-attrici kellha mal-konvenut, twieled it-tifel C D fl-10 ta' Mejju 2000.

Illi jirrizulta mhux kontraddett li, ghalkemm inizjalment il-konvenut kien jiehu nteress fit-tifel rikonoxxut minnu bhala ibnu, dan l-interess waqaf hesrem meta t-tifel kellu sena u erba' xhur, wara li giet terminata r-relazzjoni ta' bejniethom. Huwa ma' baqax jaghti manteniment ghat-tifel, u ma baqax jzomm kuntatt mieghu. F' Otturbu 2001, huwa qata' kull kuntatt li kellu mat-tifel, nonostante l-isforzi ta' l-attrici sabiex it-tifel jibqa' f' kuntatt ma' missieru.

Illi l-premess, apparti li ma giex kontraddett, jisib korroborazzjoni fix-xhieda prodotti mill-attrici, kif ukoll mill-kostatazzjonijiet maghmula mill-Avukat tat-Tfal li fir-rapport taghha ndikat dak li qallha l-konvenut. Din tghid hekk: "Hu qalli b' mod car hafna illi ma jixtieqx jara lil ibnu, ma jrid ikollu x' jaqsam kemm ma' Leon u kemm ma' ommu, u li ma jridx li jkollu kuntatt fil-futur maghhom."[3] L-

[3] Fol.58.

istess Avukat rakkomandat inter alia li "huwa pacifiku li bhalissa l-missier ma jinghata l-ebda dritt ta' access ghall-ibnu, stante li dan jista' biss ihawwad lit-tifel fl-izvilupp tieghu."

Illi inoltre, anke d-depozizzjoni ta' Mary Micallef, kindergarten assistant fl-iskola primarja ta' Birkirkara, taghti konfort lil din it-tezi.

Dan premess u kkunsidrat il-Qorti hija tal-fehema li t-talbiet attrici huma gustifikati fil-fatt u fid-dritt u jimmeritaw li jigu milqugha.

**Decide**
Ghal dawn il-motivi tiddeciedi billi tilqa' t-talbiet attrici.

L-ispejjez kollha jkunu a kariku tal-konvenut.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------